

## IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-29 ta' April 2015 – Todorova Androva vs Il-Kunsill**

(Kawża F-78/12) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2011 — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' uffiċċiali li jistgħu jiġi promossi — Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persuna — Anzjanitā ta' sentejn fil-grad — Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodu ta' xogħol imwettaq bħala membru tal-persuna temporanju — Differenza fit-trattament minħabba n-natura legali tal-impieg tal-ħaddiema kkonċernati — Direttiva 1999/70/KE — Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat — Klawżola 4 — Invokabbiltà — Esklużjoni)*

(2015/C 198/65)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Viara Todorova Androva (Rhode-Saint-Genèse, il-Belġju) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Herrmann u M. Bauer, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-parti konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, aġenti)

### Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jinkludix lir-rikorrent fil-lista tal-uffiċċiali eliġibbli għal promozzjoni għas-sena 2011.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) V. Todorova Androva għandha tħati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tħati l-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti tal-Audituri tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 295, 29.09.2012, p. 34.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tad-29 ta' April 2015 – CJ vs ECDC**

(Kawża F-159/12 u F-161/12) <sup>(1)</sup>

*(Servizz Pubbliku — Membri tal-persuna bil-kuntratt — Kuntratt għal żmien determinat — Rexiżjoni — Ksur tar-rabta ta' fiduċċja — Dritt ta' smiġ — Ksur)*

(2015/C 198/66)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: CJ (rappreżentant: V. Kolias, avukat)